**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Vs**

**RODNEY VELLA**

**Illum 11 ta' Dicembru 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat lil akkuzat **RODNEY VELLA** ta' 19 il-sena bin Nazzareno u Antoinette nee` Scicluna mwieled Pieta` fit-tmienja t'Awissu 1979 u residenti Blk 3, Ent B, Flat 8, Triq is-Salvatur, Kalkara, detentur ta' karta tal-identita` numru 370079(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'San Giljan fit-13 ta' Dicembru, 1999 u cioe` mill-lukanda St Georges Park Hotel li hija istwata fi Triq San Gorg matul il-gurnata kkometta serq ta' television tal-ghamla *Seleco* li huwa stmat li jiswa

iktar minn hamsin lira Maltin (Lm 50), ghad-dannu tad-diretturi tal-imsemmija lukanda liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u lok.

Aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe television tal-ghamla *Seleco* li huwa stmat li jiswa iktar minn tmenin lira Maltin (Lm80) liema television gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Akkuzat ukoll talli huwa ricediv b'diversi sentenzi ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahhar nett akkuzat talli ikommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' diversi sentenzi ta' l-artikolu 9, Kapitolu 152, imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bid-dati 25 ta' Frar 1999 Awla 11, 12 ta' Marzu 1999 Awla 12, 11 ta' Jannar 1999 Awla 7, 28 t'April 1999 Awla 9 u 7 ta' Dicembru 1999 Awla 10.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens mahrug mill-Avukat Generali datat 3 ta' Mejju tas-sena 2000 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni u in vista tac-cirkostanzi, il-Qorti qed tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-ewwel u it-tielet akkuza u cioe` tal-akkuza ta' serq u talli huwa recidiv u mhux hati tat-tieni akkuza ta' ricetazzjoni minn liema akkuza qed tilliberah u mhux hati talli huwa kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' diversi sentenzi.  Minn tali akkuza il-Qorti qieghda tilliberah ukoll.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz b'mod partikolari ix-xhieda li inghatat mill-probation officer Joanne Battistino u cioe` li l-imputat fil-perjodu meta huwa kkometta dan ir-reat kellu problema tal-vizzju tad-droga.  Illum il-gurnata l-imputat jidher li hareg minn dan il-vizzju tant li ghandu impjieg regolari.

**Ghaldaqstant il-Qorti thoss illi l-piena idonea hija dik ta' multa u tikundanna lil imputat ghal multa ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150).**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**